# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 551/2015**

Il-Pulizija

vs

**Jesmond Scerri**

iben Emanuel, imwieled Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 233267(M)

Illum, 8 ta' Novembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Jesmond Scerri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli meta b’diversi atti maghmulin minnu, ukoll fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u ikunu gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, naqas lil jaghti lil Audrey Scerri, ghax-xhur minn Novembru 2014 sa Marzu 2015, is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax il-gurnata minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu tlett xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Jesmond Borg ipprezentat fis-17 ta' Dicembru, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in kwantu moghtija fil-konfront tal-appellant nhar l-4 ta' Dicembru 2015 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi, u ghalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; sussidjarjament/alternattivament, u biss f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-aggravji tal-appellant dwar is-sejbien ta' htija u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata fir-rigward tas-sejbien tal-htija, l-appellant jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena nflitta u tirriduci l-istess ghal wahda aktar miti u idoneja fid-dawl tac-cirkostanzi u in-natura tal-kaz kif hawn fuq spjegat.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1) **Illi fl-ewwel lok l-appellant jissolleva n-nullita` tan-notifika ta' din l-akkuza**

L-ewwel aggravju huwa fis-sens illi l-appellant ma giex notifikat bl-akkuza odjerna qabel is-seduta tal-4 ta' Dicembru 2015. Kif jidher mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Ottubru 2015 giet prezentata riferta pozittiva u ghaldaqstant il-Qorti ordnat il-hurg ta' mandat ta' arrest fil-konfront tal-istess appellant. F'dan il-kaz jidher li gie applikat ir-Regolament 8 tal-Avviz Legali 335 tal-2014 kif emendat bl-Avviz Legali 187 tal-2015, u cioe' l-avviz li jirregola l-metodu ta' notifika ta' atti gudizzjarji.

Ir-Regolament 8 li jittratta dawk ic-cirkostanzi fejn notifika ma tigix accettata jistipula b'mod car illi mat-tieni tentattiv ta' notifikata tal-persuna koncernata, l-ufficcjal inakrigat ghandu jhalli t-tahrika fl-ahhar indirizz registrat jew iwahhal l-istess mal-bieb tal-ahhar indirizz registrat. Apparti minn hekk il-paragrafu 'b' tal-istess Regolament jghid li *"**estratti tal-att gudizzjarju** ghandhom jigu ppubblikati darba fil-Gazzetta jew f'wiehed mill-gurnali ta' kuljum, liema estratti*

*ghandu jkun fihom l-isem u l-kunjom ta' min wettaq ir-reat, in-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni legalment validu ta' min wettaq ir-reat, il-Qorti rispettiva ta' fejn ser isir is-seduta, id-data u l-hin ta' fejn ser issir u l-akkuzi."*

Illi hu evidenti li n-notifika tal-appellant fil-kaz odjern ma saritx skont ir-Regolamenti dwar il-Metodu ta' Notifika tal-Atti Gudizzjarji. Paragrafu 'b' tar-Regolament 8 jitkellem specifikament fuq 'estratt tal-att gudizzjarju'. F'dan il-kaz meta wiehed ihares lejn l-estratt tal-gurnal *The Malta Independent* esebit quddiem l-Ewwel Qorti mill-Prosekuzzjoni jinduna immedjatament illi **ma hemm assolutament l-ebda estratt tal-att gudizzjarju in kwistjoni**. Di fatti kulma wiehed jista' jara hija lista ta' ismijiet tal-akkuzati, n-numru tal-karta tal-identita' u l-artikolu tal-ligi. Ghaldaqstant jidher bic-car illi n-notifika diga` hija sprovvista minn wahda mill-elementi essenzjali li tesigi l-Ligi permezz tar-Regolament 8. Apparti l-fatt li hemm nuqqas totali tal-estratt tal-att gudizzjarju, paragrafu 'b' jesigi wkoll li l-estratt ikun fih 'l-akkuzi'. Kif jidher car mill-estratt tal-gurnal ezebit mill-Prosekuzzjoni **minn imkien** ma jirrizulta l-akkuza li biha l-appellant tressaq quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi dak ezebit mill-Prosekuzzjoni ma jista' qatt jissejjah estratt tal-att gudizzajrju u wisq aktar ma jistax jinghad li jinkludi l-akkuza kif dedotta kontra l-appellant. Illi bla ebda dubju l-metodu tan-notifika kif stabbilit fir-Regolament 8 tal-Avviz Legali 335 tal-2014 ma giex sodisfatt mill-prosekuzzjoni f'din il-kawza.

Illi bla dubju n-notifika ma tirrispettax dak li tirrikjedi l-Ligi u ghalhekk kellu qatt jigi meqjus illi l-appellant gie notifikat bl-akkuza odjerna u ghalhekk fl-aghar ipotezi l-appellant kellu jitqies li gie notifikat biss fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2015 fejn fi kwalunkwe kaz l-akkuza dedotta kontrih kienet tkun preskritta.

2) **Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-premess u fl-eventwalita` li din il-Qorti joghgobha tichad l-ewwel agggravju, l-akkuza odjerna hi preskritta billi l-appellant gie notifikat wara l-perjodu ta' sitt xhur mill-perjodu nkriminat**

Illi fl-aghar ipotezi u biss fl-eventwalita` li dina l-Onorabbli Qorti titqies li l-appellant gie notifikat skont il-Ligi, id-data li fiha semmai gie notifikat l-appellant hija dik tal-10 ta' Ottubru 2015. In effetti sub-regolament (4) tar-Regolament 8 jghid li n-notifika titqies li saret tliet ijiem wara l-pubblikazzjoni. F'dan il-kaz il-pubblikazzjoni fil-gurnal ta' kuljum saret fis-7 ta' Ottubru 2015 u ghalhekk l-appellant huwa meqjus li gie notifikat fl-10 ta' Ottubru 2015.

Fil-kaz odjern il-kwerelanta qeghda titlob manteniment ghax-xhur minn Novembru 2014 sa Marzu 2015. Ghaldaqstant l-appellant kellu jigi notifikat **sa' l-1 ta' Settembru 2015** u dan stante l-preskrizzjoni ta' sitt xhur f'dak li jirrigwarda r-reat taht l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Madanakollu jidher li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta jidher li kkonkludiet li l-appellant kellu jigi notifikat sal-15 ta' Ottubru 2015, u dan ghal zewg ragunijet. L-ewwel u qabel kollox jigi rilevat illi l-manteniment jigi mhallas bil-quddiem u ghalhekk il-manteniment ghax-xahar ta' Marzu 2015 kien dovut fl-1 ta' Marzu 2015. Ghaldaqstant is-sitt (6) xhur ta' preskrizzjoni jiddekkorri mill-1 ta' Marzu 2015 izda mhux mill-ahhar ta' Marzu 2015 kif jidher li kkonkludiet l-ewwel Qorti. Infatti hekk kif jirrizulta mill-affidavit tal-PS 15 Cyril Butters, il-kwerelanti rrappurtat fl-ghassa ta' Rahal il-Gdid fit-18 ta' Marzu 2015. Dan ikompli jikkonferma l-fatt kemm dan ir-reat (jekk wiehed kellu jikkoncedi li gie kommess dan ir-reat) gie kommess fl-1 ta' Marzu 2015 izda mhux fl-ahhar ta' Marzu 2015 u ghalhekk il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-istess reat jaghlaq fl-1 ta' Settmbru 2015.

Jidher pero` li l-Ewwel Qorti skorrettament wasslet ghall-konkluzjoni illi r-reat gie kommess fl-ahhar gurnata ta' Marzu. Illi in oltre l-Ewwel Qorti kienet ukoll erronja meta kkonkludiet li l-perjodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri minn hmistax-il gurnata wara din id-data. L-Artikolu 338 paragrafu (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car illi r-reat jigi kommess meta l-manteniment ikun dovut izda mhux fil-perjodu meta l-kwerelanta kellha dritt tressaq ir-rapport taghha lill-Pulizija Ezekuttiva.

Illi jirrizulta car li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet l-appellant hati tal-akkuza dedotta kontrih u dan stante li l-akkuza hija bla ebda dubju preskritta.

3) **Illi fit-tielet lok l-appellant jissolleva n-nuqqas totali ta' l-obbligu kuntrattwali tal-manteniment mitlub mill-kwerelanti f'din il-kawza**

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant jissolleva illi huwa gie akkuzat talli naqas milli jaghti lil Audrey Scerri s-somma stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu. Di fatti l-Artikolu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tuza l-kliem specifici: *"meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt...."*.

Kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni li gie esebit mill-kwerelanta, l-appellant obbliga ruhu li jghaddi lill-martu s-somma ta' tmenin lira Maltin (Lm80) fix-xahar rapprezentanti manteniment ghaz-zewg uliedhom u cioe` Janice u Hendrix (klawzola 3 (b) tal-kuntratt).

Illi llum il-gurnata bint l-appellant Janice Scerri hija maggorreni u di fatti hija ghalqet l-eta` ta' tmintax-il sena **f'Settembru tas-sena 2014** u ghalhekk qabel id-data inkriminata. Illi l-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni gie ffirmat bejn il-partijiet fl-4 ta' Mejju tas-sena 2000 u ghaldaqstant evidentement dan il-kuntratt gie ffirmat ferm qabel l-introduzzjoni tal-emendi fil-Ligi taghna dwar id-dmirijiet tal-mizzewgin lejn l-ulied (Artikolu 3B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Jinghad illi bl-introduzzjoni tal-emendi fil-ligi, ma giex estiz l-obbligu kuntrattwali tal-parti li thallas il-manteniment izda biss id-dritt li dik il-parti li tircievi l-manteniment titlob lill-Qorti sabiex dik l-istess parti thallas manteniment (u mhux necessarjament fl-ammont li l-partijiet qablu li ghandu jithallas sakemm il-minuri jaghlqu l-eta' maggorenni) u dan jekk jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti skont il-ligi. Ghalhekk kien jispetta lill-kwerelanti li tipprocedi quddiem il-Qorti kompetenti (f'dan il-kaz il-Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja) sabiex l-appellant ikompli jmanti lil bintu Janice Scerri.

F'dan il-kaz, kif gja inghad, hu necessarju li jigu ppruvati quddiem il-Qrati Civili li l-elementi rikjesti mill-Ligi huma sodisfatti sabiex b'hekk jiskatta d-dritt tal-kwerelanti u l-obbligu tal-appellant. Fil-kaz odjern, il-kwerelanti qatt ma intavolat proceduri civili f'dan ir-rigward.

Ta' rilevanza ghal dina l-Onorabbli Qorti tal-Appell huwa l-fatt illi l-appellant kien hallas nofs l-ammont indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni ghax-xhur in kwistjoni u cioe` ghax-xhur bejn Novembru 2014 u Marzu 2015. Is-somma li hallas l-appellant di fatti jirrapprezenta l-manteniment li huwa obbligat li jivversa versu ibnu minuri Hendrix skont l-istess kuntratt. Ghaldaqstant jirrizulta car illi l-appellant onora l-obbligu kuntrattwali tieghu u fl-ebda hin ma kellu jigi mressaq quddiem l-Ewwel Qorti u wisq aktar misjub hati.

L-appellant jissolleva ghalhekk l-inezistenza totali tal-obbligu kuntrattwali propju ghaliex mill-emendi li gew introdotti fil-Ligi minn imkien ma jirrizulta l-estenzjoni awtomatika tal-obbligu tal-genitur li jmanti. Dan l-obbligu ma giex estiz u ghaldaqstant ghandu jerga' jigi stabbilit mill-gdid u l-Qorti li ghandha l-kompetenza u l-gurisdizzjoni f'dan il-kamp ghandha tara jekk gewx sodisfatti l-elementi tal-Ligi kif ukoll ghandha tezamina l-mezzi tal-partijiet u dan ghaliex in effetti **llum il-gurnata m'ghadux jezisti l-obbligu kuntrattwali.**

Illi minghajr ebda dubju dan il-kompitu ma jispettax ghal Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Fil-kamp kriminali l-Qorti hija obbligata li tistabilixxi jekk jezistix l-obbligu tal-manteniment u jekk dan l-obbligu giex rispettat o meno. F'dan is-sens l-Ewwel Qorti naqset meta ma haditx konjizzjoni ta' dak sottomess mid-difiza u fl-istess hin marret ferm oltre l-obbligi taghha meta sabet lill-appellant hati. Dan qed jinghad bl-akbar responsabbilta` ghaliex l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tidhol f'kwistjonijiet ta' natura civili u wisq aktar qatt ma setghet issib lill-appellant hati meta llum il-gurnata ma tezisti l-ebda obbligu kuntrattwali u lanqas ordni tal-Qorti kif jezigi l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9. Ai finijiet ta' kjarifikazzjoni jigi rilevat illi l-appellant ghad ghandu obbligu kuntrattwali li jmanti izda dan fir-rigward ta' ibnu minuri biss u huwa propju ghaliex huwa hallas il-manteniment ghal ibnu li qed jissolleva n-nuqqas ta' l-obbligu kuntrattwali fil-konfront tal-akkuza dedotta kontrih.

Ghalhekk, gjaladarba hemm nuqqas totali ta' ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u nuqqas totali ta' obbligu kuntrattwali, l-akkuza fl-ewwel lok qatt ma setghet tissussisti u ghaldaqstant l-Ewwel Qroti ma setghet qatt issib htija fil-konfront tal-appellant u fis-sejbien ta' htija l-istess Qorti assumiet funzjonijiet appartinenti lill-Qrati Civili bir-rizultat li marret oltre l-gurisdizzjoni taghha.

4) **Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti joghgobha tichad l-aggravju dwar is-sejbien ta' htija, jirrizulta wkoll li ghalkemm il-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda li tirrientra fil-parametri tal-ligi, jinghad li fic-cirkostanzi tal-kaz din hi wahda eccessiva**

Illi fi kwalunkwe kaz, fil-fehma umli tal-appellant il-piena moghtija hi wahda sproporzjonata tenut kont ic-cirkostanzi u n-natura tal-kaz.

Illi kif inghad fl-appell kriminali deciz fis-26 ta' Marzu, 2009 minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci,** "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri) : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**" [26.2.2009] :- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena. (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**" [20.3.2009] App. Krim. Superjuri)".*

Huwa minnu wkoll illi l-Prosekuzzjoni tista' targumenta li l-appellant ghazel li ma jirregistrax ammissjoni, pero` huwa daqstant iehor minnu li hadd ma jista' jigi punit ghax jaghzel li jikkontesta l-akkuza dedotta fil-konfront tieghu, sakemm il-kontestazzjoni ma tkunx wahda frivola.

Illi fil-kaz odjern il-kontestazzjoni tal-appellant hija wahda ferm gustifikata u dan kif jirrizulta mill-aggravji li gew imressqa mill-istess appellant. Illi mhux hekk biss izda talli jigi umilment rilevat li dan mhux kaz ta' xi hadd li jrid jisfida l-ordni tal-Qorti ghall-hlas tal-manteniment. Ghall-kuntrarju dan huwa kaz ta' bniedem li spicca quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Kriminali fl-isfond tal-problemi finanzjari li jinsab fihom prezentement. Sfortunatament jidher li dan kollu sfugga lill-Ewwel Qorti li spiccat teroga piena li

solitament tinghata f'cirkostanzi ferm aktar serji fejn il-manteniment ma jigix issomministrat minhabba ragunijiet ta' pika. **<u>Illi apparti minn dan jirrizulta wkoll li l-appellant hallas nofs l-ammont ta' manteniment mitlub minn martu Audrey Scerri.</u>**

Huwa stat ta' fatt li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti tirrientra fil-parametri tal-Ligi izda fid-dawl tac-cirkostanzi kif ukoll fid-dawl tar-raguni wara l-kontestazzjoni tal-appellant jirrizulta li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija eccessiva u zgur mhijiex il-piena idoneja. Hawnhekk si tratta dwar persuna tal-familja li mhijiex qed iccahhad lil martu mill-manteniment b'kapricc jew b'sens ta' pika. Fid-dawl tac-cirkostanzi l-Ewwel Qorti bid-dovut rispett kienet tkun hafna iktar ekwa mal-appellant kieku erogat bhala piena l-ammenda jew ic-canfira jew it-twiddiba li wkoll huma pieni li jistghu jinghataw f'kaz ta' kontravvenzjonijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2016 l-appellant hallas seduta stante dak kollox dovut lill-parte civile.  Ghalhekk, f'din ic-cirkostanza l-piena ghandha tkun wahda aktar ragonevoli.

Ghaldaqstnat, fil-waqt li tichad l-appell ta' Jesmond Scerri u tikkonferma s-sentenza appellata. Tilqa l-appell ta' Jesmond Scerri dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok tillibera lill-istess Jesmond Scerri taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.